# GĦANJA

Tibża' xejn. La jisbaħ għada
ġuf il-ġnien jitqâl bil-ward,
għat-tgħanniq tax-xmejxa sħuna
togħxa bl-hena, msaħħra l-art.
Terġa' ż-żiffa tar-Rebbiegħa
tbus bir-rogħda wiċċ il-qiegħa.

La tibkix. La jisbaħ għada
fuq għajnejk jinxef id-dmugħ,
mat-tfajliet fin-namra tgħanni
ta' ferħ ġdid, ġol qalb, il-ftuħ;
fuq xofftejk terġa' t-tbissima
u għalli ġej l-isbaħ tislima.

Tibża' xejn. Ittama f'għada,
għada sbejjaħ fuq is-sbieħ,
għada... l-ħolm, għada... l-imħabba,
l-ikreh, għada, jsir sabiħ.
La tibkix, Dorina tiegħi,
għada tkun imgħannqa miegħi. RoB.

(1) Dun Mikiel Xerri ġie maqtul mill-Franċiżi fis-17 ta' Jannar 1799. Min irid jaf min kien u x'kien isarraf Dun Mikiel, jaqra r-rumanz "Nazju Ellul" tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi.